MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 2089/1999/1

Aronne *sive* Ronnie **BARBARA**

vs

Andrew **SCHEMBRI**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-29 ta' Settembru, 1999, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li l-Qorti (i) ssib li l-imħarrek għandu jħallsu s-somma ta' elf seba' mija u erbgħin lira maltija (Lm 1,740)[1] li tirrappreżenta l-bilanċ ta' prezz ta' vettura lilu mibjugħa u konsenjata u l-imgħax dovut fuq l-imsemmi bilanċ sa dak

[1] Li jġibu € 4,053.11 fi flus tal-lum

inhar u (ii) tikkundanna lill-imħarrek iħallsu dik is-somma. Talab ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek fl-24 ta’ Frar, 2000, li biha laqa’ għall-azzjoni attriċi billi, b’mod preliminari, qal li l-att ġudizzjarju ma jiswiex għaliex l-attur naqas li jiddikjara li l-fatti maħlufa jaf bihom personalment. Qanqal ukoll il-kwestjoni tal-inkonsistenza fid-dikjarazzjonijiet u fil-premessi tal-Att taċ-Ċitazzjoni. Ressaq ukoll l-eċċezzjoni li huwa ħallas għas-saldu kull dejn li kellu mal-attur;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta’ Ġunju, 2003[2], li bih tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom permezz ta’ Noti;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjoni mressqa mill-attur attur fil-21 ta’ Awissu, 2003[3];

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek fit-3 ta’ Settembru, 2003[4], bi tweġiba għal dik tal-attur;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta’ Novembru, 2003, li bih u fuq talba tal-attur b’rikors tiegħu tat-13 ta’ Novembru, 2003, ordnat li jsir bdil fl-Att taċ-Ċitazzjoni għall-finijiet tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat il-verbali tas-smigħ tat-12 ta’ Ottubru, 2004 fejn l-imħarrek ta ruħu b’notifikat bl-Att taċ-Ċitazzjoni kif mibdul u dak tat-12 ta’ Jannar, 2005, fejn talab li, fid-dawl tal-bidla li kienet saret, jingħata l-fakulta’ li jirregola ruħu dwar jekk għandux iqajjem eċċezzjoni ulterjuri;

Rat id-degriet tagħha tal-31 ta’ Mejju, 2005[5], li bih u fuq talba magħmula mill-imħarrek b’rikors tiegħu tat-30 ta’ Mejju, 2005, ħalliet li titressaq l-eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni;

---

[2] Paġ, 105 tal-proċess
[3] Paġġ. 106 – 8 tal-proċess
[4] Paġġ. 109 – 111 tal-proċess
[5] Paġ. 123 tal-proċess

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet ulterjuri mressqa mill-imħarrek fit-23 ta’ Ġunju, 2005, li biha eċċepixxa l-preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi għall-finijiet tal-artikolu 2148(b) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-28 ta’ Ġunju, 2005, li biha qalu li ma kellhomx provi oħrajn x’iressqu;

Semgħet it-trattazzjoni tal-għeluq tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal ħlas ta’ bilanċ ta’ prezz ta’ karozza mibjugħa bin-nifs. L-attur kien biegħ karozza lill-imħarrek tal-għamla *Alfa Sud* f’Diċembru tal-1988 iżda wara xi xhur, reġa’ ħadha lura u bidilhielu ma’ vettura oħra tal-għamla *Morris Oxford* f’Novembru tal-1990. Billi l-ħlas kellu jsir f’rati kull xahar, u billi l-imħarrek wara xi żmien żamm il-pjanċi tal-vettura u iddikjaraha *scrapped*, l-attur fetaħ din il-kawża biex jitħallas il-bilanċ li jgħid li kien għadu dovut;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa’ billi qal li l-Att taċ-Ċitazzjoni ma jiswiex għaliex l-attur naqas li jiddikjara b’ġurament li l-fatti msemmija fid-Dikjarazzjoni maħlufa jafhom personalment. Fil-mertu, laqa’ billi qal li hemm kontradizzjoni fil-premessi tal-istess Ċitazzjoni billi din tgħid li l-ħlasijiet akkont kien ilhom isiru sa mill-1988 meta n-negozju tal-bejgħ tal-karozza jingħad li sar fl-1998. Żied jgħid li, fuq kollox, huwa ħallas kulma kien minnu dovut;

Illi wara li l-attur talab u kiseb il-permess biex isewwi l-Att taċ-Ċitazzjoni bil-bdil tas-sena li fiha sar in-negozju mill-

"1998" għal "1988", l-imħarrek laqa' bil-preskrizzjoni tat-tmintax-il (18) xahar taħt l-artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li fl-1 ta' Diċembru, 1988, l-attur biegħ lill-imħarrek karozza tal-għamla *Alfa Sud* reġistrata R-9708 għall-prezz ta' elf u sitt mitt lira Maltija (Lm 1,600)[6], liema somma kellha titħallas f'rati ta' Lm 30 kull ħmistax-il jum b'imgħax tat-tmienja fil-mija (8%)[7]. L-imħarrek beda jħallas ir-rati imma bediex iħallas regolarment kull ħmistax-il jum. F'Novembru tal-1990, l-imħarrek ħadlu l-karozza lura għaliex qal li ma kinitx taħdem u l-attur bidilhielu ma' oħra tal-għamla *Morris Oxford* reġistrata A-5449. Dak inhar, ftehmu li l-prezz kellu jkun dak li "*baqalu jtini kollox li kellu jatini fuq l Alfa*". L-imħarrek kellu jħallas il-bilanċ f'rati ta' Lm 50 kull xahar u bil-patt li jekk kemm-il darba l-imħarrek jonqos xahar, l-attur ikollu l-jedd li joħodlu l-karozza lura u l-imħarrek iħallas dak li kien dovut b'lura[8]. Il-partijiet irffirmaw iż-żewġ dokumenti;

Illi l-imħarrek ħallas b'kollox[9] elf u ħmistax-il lira Maltin (Lm 1,105) sa Jannar tal-1998 u mbagħad waqaf għal kollox. Fis-7 ta' April, 1999[10], l-attur bagħat ittra uffiċjali lill-imħarrek biex jitolbu l-ħlas ta' elf seba' mija u erbgħin lira maltin (Lm 1,740) u fetaħ din il-kawża f'Settembru tal-istess sena;

Illi xieraq li l-Qorti tibda l-konsiderazzjonijiet legali ta' din il-kawża billi, qabel kull ħaġa oħra, tistħarreġ is-siwi tal-**eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni**. L-imħarrek jiddikjara li dik l-eċċezzjoni kien qed isejjisha fuq l-artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili li jitkellem dwar azzjonijiet ta' kredituri li jaqgħu bil-preskrizzjoni tat-tmintax-il (18) xahar għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut. L-imħarrek tħajjar iressaq din l-eċċezzjoni sewwasew wara li kienu tressqu s-sottomissjonijiet bil-miktub tal-partijiet u ngħalaq l-istadju tal-ġbir tal-provi. Din l-eċċezzjoni ulterjuri ressaqha wara

6 Li jġibu € 3,727 fi flus tal-lum
7 Dok "A", f'paġ. 21 tal-proċess (dokument ta' fuq)
8 Dok "AS1", f'paġ. 60 tal-proċess
9 Dokti "B" u "X", f'paġġ. 22 – 3 u 95 – 6 tal-proċess
10 Dok "RBA", f'paġġ. 100 – 1 tal-proċess

li l-attur intebah li kien semma bi żball is-sena li fiha kien sar in-negozju oriġinali u talab lill-Qorti biex tħallih jibdel id-data billi tmur lura għaxar (10) snin qabel dik imsemmija fl-Att taċ-Ċitazzjoni;

Illi l-eċċezzjoni m'hijiex mistħoqqa. Fl-ewwel lok, jidher ċar li l-karozza li l-attur qiegħed jitlob il-ħlas tal-bilanċ ta' prezzha nxtrat bin-nifs, tant li sar qbil li l-imħarrek kellu jħallas il-prezz f'rati kull xahar. Mhux hekk biss, iżda kif wieħed jistenna f'għamla ta' xiri bħal dan, l-attur espressament irriżerva li jieħu lura l-karozza jekk kemm-il darba l-imħarrek jonqos milli jħallas regolarment ir-rati miftehma. Xiri ta' ħaġa bin-nifs u li tiddependi mit-trasferiment tal-proprjeta' biss meta jitħallas il-prezz miftiehem ma jgħoddx għaliha ż-żmien preskrittiv imsemmi fl-eċċezzjoni taħt eżami[11], u dan aktar u aktar meta fl-okkażjoni tal-imsemmi negozju tkun saret kitba biex tixhed il-ftehim. L-eżistenza ta' dik il-kitba tnissel, jekk xejn, żmien preskrittiv ieħor minn dak li jgħodd għalih l-artikolu li fuqu l-imħarrek isejjes din l-eċċezzjoni;

Illi, fit-tieni lok, ma jidhirx li huwa l-każ li l-bejgħ mertu ta' din il-kawża jista' jitqies bħala bejgħ bl-imnut. Ġeneralment, biex wieħed jasal ħalli jiddetermina jekk bejgħ sarx bl-imnut inkella bl-ingrossa wieħed għandu jħares lejn il-bejgħ partikolari u l-għamla tiegħu[12]. Normalment, biex bejgħ jitqies bl-imnut, irid jidher li tali bejgħ kien wieħed magħmul lil konsumatur għall-użu personali tiegħu, filwaqt li, tradizzjonalment, il-bejgħ bl-imnut jingħaraf minn bejgħ bl-ingrossa billi f'dan tal-aħħar il-bejgħ isir lil xerrej li jkun sejjer jagħmel negozju bi jew minn fuq il-ħaġa mixtrija[13]. Imma din m'hijiex regola inflessibbli, minħabba li grossista jista' jagħmel bejgħ bl-imnut, ukoll fejn ix-xerrej ikun kummerċjant ieħor[14]. Madankollu, meta wieħed iqis għamla ta' negozju bħal dak li għamlu bejniethom l-attur u l-imħarrek, wieħed ma jsibx li dan jikkwalifika bħala bejgħ bl-imnut u għalhekk

---

[11] Ara P.A. **24.10.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Cremona noe vs Farruġia*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.1224**)
[12] P.A. **25.4.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Delia noe vs Testaferrata Abela*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.959**)
[13] Kumm. **5.6.1951** fil-kawża fl-ismijiet ***Ċini vs Debono*** (Kollez. Vol: **XXXV.iii.613**)
[14] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **18.1.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech noe vs Camilleri*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.175**)

ukoll l-artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili ma kienx jgħodd għalih[15];

Illi, fit-tielet lok, ukoll kieku wieħed kellu jasal biex jgħid li l-artikolu 2148(b) kien jgħodd għall-każ, ma jistax jingħad li t-talba attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni ladarba l-imħarrek innifsu jistqarr li huwa baqa' jwettaq ħlasijiet b'rati sa Jannar tal-1998. Minħabba l-ħlasijiet akkont tad-dejn, l-imħarrek kien kull darba jikser iż-żmien tal-preskrizzjoni li sata' jkun għadda favurih[16]. Ladarba l-aħħar ħlas akkont tiegħu għamlu f'Jannar tal-1998, u ladarba l-attur kien interpellah b'ittra uffiċjali f'April tal-1999, dan ifisser li l-att ġudizzjarju kien għal darb'oħra kiser kull żmien preskrittiv relattiv[17];

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri u tqis li l-azzjoni attriċi saret f'waqtha;

Illi **dwar l-eċċezzjoni tal-kontradizzjoni fil-premessi**, l-Qorti ma għandhiex għalfejn taħli wisq ħin. Jidher li din l-eċċezzjoni tqajmet minħabba li fl-ewwel premessa taċ-Ċitazzjoni, l-attur semma s-sena ħażina ta' meta sar l-ewwel ftehim bejnu u l-imħarrek u allura kien seta' jidher li l-imħarrek beda jagħmel ħlasijiet snin qabel ma sar il-ftehim. Minħabba li l-Qorti, bi tħaddim tas-setgħat mogħtijin fl-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, laqgħet it-talba tal-attur biex tinbidel is-sena għal dik li, wara kollox, tidher mid-dokumenti li kienu jinsabu fl-atti, ma kienx hemm aktar lok biex wieħed jara xi kontradittorjeta' fl-azzjoni kif imressqa. Lanqas ma jista' jingħad li bidla bħal dik kienet tolqot fil-mertu l-eċċezzjonijiet tal-imħarrek jew it-talbiet tal-attur;

Illi għalhekk l-anqas din l-eċċezzjoni m'hija mistħoqqa;

Illi **dwar l-eċċezzjoni li l-att ġudizzjarju ma jiswiex**, il-Qorti tqis li l-imħarrek jibniha fuq l-artikolu 156(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa jgħid li ladarba l-attur naqas li jgħid liema mill-fatti minnu msemmija jaf

---

15 Ara P.A. JZM **28.1.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Geranzio Azzopardi vs Carmelo Beżżina et*** (appellata) għal każ li jixxiebah fejn tqieset l-istess preskrizzjoni

16 Art. 2133 tal-Kap 16

17 Art. 2128 tal-Kap 16

personalment, allura l-att ma jiswiex. Għalkemm id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 156(1) tal-imsemmi Kodiċi jitkellem f'termini mandatorji (juża l-kelma "għandu") dwar x'imissu jkollu l-att promotur ta' kawża, mhux kull nuqqas iwassal biex l-att jitqies bla siwi. Dan jingħad għaliex il-liġi tolqot b'nullita' biss dawk l-atti ġudizzjarji li għalihom jgħoddu ċ-ċirkostanzi tassattivi maħsuba fl-artikolu 789(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Fit-tieni lok, in-nullita' tal-att ġudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-liġi tħares lejha b'reqqa u tapplikaha biss fejn tassew jistħoqq, lil hinn minn ċerti formaliżmi iebsa li ma jimxux id f'id mal-ġustizzja. Fit-tielet lok, għaliex fil-każ tal-lum jidher ċar li l-attur kien qiegħed jaħlef bħala fatti li jaf personalment il-kontenut kollu tal-ħames paragrafi tad-Dikjarazzjoni maħlufa minnu u ma hemm lanqas l-iċken dubju li dawk il-fatti msemmija kienu l-fatti kollha li reġa' tenna fix-xhieda tiegħu matul is-smigħ tal-kawża;

Illi għal dawn ir-raġunjiet, il-Qorti ma ssibx li din l-eċċezzjoni hija mistħoqqa u m'hijiex sejra tilqagħha;

Illi issa li l-Qorti stħarrġet l-eċċezzjonijiet preliminari tal-imħarrek, sejra tgħaddi biex tqis **dak li jirrigwarda l-pretensjonijiet tal-attur fil-mertu**. L-attur jippretendi li l-imħarrek għad għandu jagħtih u dan minkejja li l-imħarrek wettaq sensiela ta' ħlasijiet. Qabel kull ħaġ'oħra, jidher xieraq li wieħed jipprova jifhem fiex kien jikkonsisti n-negozju tal-partijiet. Fil-bidu, l-attur biegħ karozza tal-għamla *Alfa Sud* lill-imħarrek bil-prezz miftiehem ta' tlitt elef seba' mija u sebgħa u għoxrin euro (€ 3,727). Il-ftehim kien li l-imħarrek iħallas sebgħin euro (€ 70) kull ħmistax u fuq il-bilanċ kellu jgħaddi mgħax bit-tmienja fil-mija. Il-ftehim sar fl-10 ta' Diċembru tal-1988 u kien iffirmat miż-żewġ partijiet. Il-karozza żammha għandu għal xi żmien, imma f'Novembru tal-1990, ħadha lura għand l-attur għaliex ma kenitx qiegħda taħdem. Sa dak iż-żmien (jiġifieri tlieta u għoxrin xahar wara li kien sar il-ftehim), l-imħarrek kien ħallas elf u ħamsa u disgħin euro (€ 1,095) mifruxin fuq ħmistax-il rata. Dan juri li l-imħarrek ma żammx mar-rabta tal-ħlas li kien ftiehem;

Illi meta radd lura l-*Alfa Sud*, l-imħarrek talab u ngħata karozza oħra – il-*Morris Oxford* reġistrata A-5449 – mingħand l-attur. Dak inhar, fit-2 ta' Novembru, 1990, kien maqbul li l-prezz tat-tieni vettura kellu jkun dak li l-imħarrek kien għad fadallu jħallas lill-attur fuq l-ewwel karozza. Matul is-smigħ tal-kawża, nqalgħu bosta episodji dwar x'kienu tassew ftiehmu l-partijiet u taħt liema patti, x'kien il-prezz miftiehem u jekk kienx hemm ftehim dwar l-imħgaxijiet. L-imħarrek baqa' jtenni sal-aħħar (ukoll fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu) li l-attur qarraq bih għax approfitta ruħu mill-fatt li l-imħarrek ma jafx jikteb u jaqra u ipprova jqanqal id-dubju li l-attur bagħbas mal-kitba u żied kundizzjonijiet oħra minn wara dahar l-imħarrek;

Illi l-Qorti jidhrilha li dawn ix-xiljiet tal-imħarrek m'humiex ta' min joqgħod fuqhom u lanqas inġabu provi tajbin biex isostnuhom. Fl-ewwel lok, mid-dokumenti nfushom, jidher li l-imħarrek ingħata kopja ta' dak li sar qbil dwaru dak il-ħin stess. Kemm hu hekk, jekk wieħed iqis li d-dokumenti li ressaq l-imħarrek huma l-oriġinal ta' dawk li ressaq l-attur (għaliex għadda l-oriġinal lill-imħarrek) wieħed jintebah minnufih li kulma nkiteb u sar qbil fuqu seħħ meta l-partijiet iffirmaw għalih. Fit-tieni lok, mill-imsemmija kitbiet joħroġ ċar li ladarba l-ħlas ma kienx se' jsir mal-ftehim u kellu jsir b'rati, kien sejjer jgħaddi l-imgħax fuq il-bilanċ. Dan l-imgħax jissemma fuq l-ewwel kitba u r-rata hija waħda li l-liġi tagħna tippermetti. Fit-tielet lok, kien l-imħarrek innifsu li, mingħajr ħjiel li kien imġiegħel, resaq għat-tieni ftehim meta kien ġa radd lura l-ewwel karozza li ngħata u meta lanqas biss kien ħallas ir-rati skond kif kienu ftiehmu oriġinarjament. Li kieku kien tassew migdum mill-mod kif l-attur kien mexa miegħu, x'wasslu biex reġa' daħal f'rabta oħra miegħu biex jikseb mingħandu karozza oħra?;

Illi min-naħa l-oħra, l-attur wera bix-xhieda tiegħu u bid-dokumenti mressqa li tassew kien hemm bażi ċara ta' ftehim u li l-pretensjoni tiegħu li għad fadallu jitħallas bilanċ mill-prezz hija waħda mistħoqqa. Ta' min jgħid li s-sura tal-ftehim u tal-prospetti li ressaq l-attur biex isostni l-każ tiegħu huma x'aktarx rudimentali u wieħed irid jiflihom sewwa biex jifhem x'jgħidu. Dan deher sewwa meta

kienet qiegħda tinstema’ x-xhieda tal-partijiet. Iżda, kif ingħad, il-Qorti sabet elementi tajbin u ċari biżżejjed biex tifhem x’kien il-ftehim u biex tasal ħalli tillikwida l-pretensjoni tal-attur. Fid-dawl tal-fehma tagħha f’dan ir-rigward huwa essenzjali li wieħed jasal biex isib x’kien għad fadallu jagħti l-imħarrek lill-attur fil-waqt li ngħata t-tieni karozza f’Novembru tal-1990;

Illi meta l-imħarrek ħa taħt idejh il-*Morris Oxford*, mill-prezz oriġinali li huwa kien ftiehem kien għadu ħallas elf u ħamsa u disgħin euro (€ 1,095). Fuq il-prezz oriġinali kellu jinġema’ l-imgħax sempliċi bit-8% fis-sena. Wara li l-Qorti ħadmet ir-rati applikabbli[18] u ħadet qies tal-ħlasijiet akkont li laħaq wettaq sa Novembru tal-1990, jirriżulta li dak inhar li l-imħarrek ħa f’idejh il-*Morris Oxford* kellu jħallas lill-attur is-somma ta’ tlitt elef mija u tnejn u sittin euro u ħamsin ċenteżmi (€ 3,162.50);

Illi l-imħarrek jgħid li l-attur qabad u ħadem rati ta’ mgħax li jisboq it-tmienja fil-mija. Meta l-Qorti għamlet eżerċizzju bir-reqqa u qabblet il-ħlasijiet magħmula mill-imħarrek mal-prospett u mal-kopja tar-reġistru mressqin mill-attur, sabet li din ix-xilja m’hijiex f’postha. Jidher li, għalkemm bil-metodi partikolari tiegħu, l-attur ħadem x’aktarx sewwa l-ammonti li l-imħarrek kien għad fadallu jagħtih u huma biss xi żbalji żgħar matematiċi fl-għadd li wieħed faċilment jintebah bihom imma li ftit li xejn jolqtu l-ammonti li tassew kienu dovuti. Imbagħad l-imħarrek jgħid ukoll li l-attur ma għamilx sewwa li, meta saru l-ħlasijiet akkont, l-ewwel akkredita l-ħlasijiet kontra l-imgġax miġmugħ. L-imħarrek m’għandux raġun f’dan ir-rigward, għaliex hija l-liġi nnifisha[19] li trid li fejn ħlas ikun akkont ta’ dejn li jiġma’ fuqu l-imgħaxijiet, l-ewwel imisshom jinqatgħu l-imgħaxijiet miġmugħa u mbagħad il-kapital. U m’huwiex imħolli fl-għażla tad-debitur li jorbot lill-kreditur tiegħu (jekk dan ma jaqbilx ukoll) li ħlas magħmul akkont l-ewwel imur biex jaqta’ l-kapital minflok l-imgħax miġmugħ;

---

[18] Dan għamlitu billi qieset il-bilanċ qabel kull ħlas, ħadmet l-imgħax sempliċi miġmugħ bejn ħlas u ieħor, u naqqset kull darba l-ħlas akkont magħmul, u reġgħet tenniet il-proċess
[19] Art. 1169 tal-Kap 16

Illi, b'żieda ma' dan, l-imħarrek ressaq **l-eċċezzjoni li d-dejn tiegħu huwa mħallas.** Huwa jibni din l-eċċezzjoni (l-*exceptio soluti*) fuq l-argument li, fl-ewwel lok, minn imkien ma joħroġ li l-ħlas kien suġġett għal mgħax u wkoll mill-fatt li l-ħlasijiet li għamel lill-attur jaqbżu dak li kien minnu lilu dovut;

Illi huwa magħruf li eċċezzjoni bħal din hija waħda mit-toroq li bihom id-debitur ta' obbligazzjoni jista' jagħżel biex jeħles minn talba tal-kreditur tiegħu għall-ħlas ta' obbligazzjoni. Fiha nfisha, dik l-eċċezzjoni timplika s-siwi tal-obbligazzjoni[20] u t-twettiq tagħha min-naħa tad-debitur[21]. Billi l-ħlas huwa wieħed mill-modi magħrufa mil-liġi[22] kif jintemmu l-obbligazzjonijiet, l-eċċezzjoni tal-ħlas, jekk tirnexxi, ġġib magħha ċ-ċaħda tal-pretensjoni tal-kreditur li jibqa' jinsisti għall-ħlas (jiġifieri t-twettiq tal-obbligazzjoni). Minħabba f'hekk ukoll – apparti mill-applikazzjoni tal-massima proċedurali li min jallega jrid jipprova – meta d-debitur jallega l-ħlas, jaqa' fuqu d-dmir li jissoddisfa lill-Qorti li dan kien tassew il-każ, u ma jkunx l-obbligu tal-kreditur li jipprova l-kuntrarju. Biex tali eċċezzjoni tilħaq l-għan tagħha, jeħtieġ ukoll li jintwera li l-ħlas ikun sar lil persuna li tassew kienet awtorizzata bil-liġi li tirċevih[23]. Hekk sa minn dejjem kien miżmum mill-Qrati f'materja bħal din;

Illi l-Qorti tqis li lanqas din l-eċċezzjoni tal-imħarrek m'għandha mis-sewwa. Fl-ewwel lok, jekk wieħed kellu jqis u jgħodd kull ħlas akkont li l-imħarrek għamel, is-somma sħiħa ma twassalx għall-prezz miftiehem, ukoll kieku wieħed kellu jaċċetta li fuq il-bilanċ tal-prezz ma kienx miftiehem li kellu jgħaddi mgħax. Hija ħaġa evidenti li jekk il-prezz ta' karozza kien ta' sittax-il mitt lira Maltin u l-ammont kollu mħallas f'rati kien ta' elf u ħmistax-il lira Maltin minnhom, lanqas il-kapital qatt ma nqata', aħseb u ara kemm inqata' l-imgħax;

Illi meta d-debitur jallega l-ħlas, jaqa' fuqu d-dmir li jissoddisfa lill-Qorti li dan kien tassew il-każ, u ma jkunx l-

[20] Art. 1147(1) tal-Kap 16
[21] Art. 1146 tal-Kap 16
[22] Art. 1145(a) tal-Kap 16
[23] P.A. **14.3.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit vs Montanaro Gauċi noe et*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.930)**

obbligu tal-kreditur li jipprova l-kuntrarju. Biex tali eċċezzjoni tilħaq l-għan tagħha, jeħtieġ ukoll li jintwera li l-ħlas ikun sar lil persuna li tassew kienet awtorizzata bil-liġi li tirċevih[24]. Hekk sa minn dejjem kien miżmum mill-Qrati f'materja bħal din. Ir-riċevuta hija l-aqwa prova tal-ħlas, u fin-nuqqas ta' prova bħal din titnissel il-preżunzjoni li l-ħlas ma jkunx tassew seħħ. Jeżistu modi oħrajn, madankollu, kif jista' jintwera bi prova oħra xierqa li l-kreditu tal-kreditur ikun tħallas[25];

Illi f'dan il-każ, l-imħarrek ma wera l-ebda riċevuta li tgħid li kien ħallas dejnu għas-saldu. Għall-kuntrarju, minkejja li l-attur kien jagħtih riċevuta ta' kull ħlas magħmul f'pitazz li l-imħarrek innifsu kien iżomm għandu, l-imħarrek naqas li jressaq dak id-dokument biex isaħħaħ il-każ tiegħu. Ħareġ li, min-naħa tal-attur, minkejja l-metodi xi ftit biżantini tiegħu ta' kif iżomm kont ta' dawk li għandhom jagħtuh, il-"karti" tiegħu huma mera fidila ta' dawk il-kontijiet u wieħed jista' joqgħod fuqhom. It-tagħrif li fihom, f'dan il-każ, huwa għal kollox konsistenti mal-pretensjonijiet tiegħu. Il-Qorti sejra toqgħod fuqhom, ukoll għaliex l-imħarrek naqas li juri li fihom xi difett lampanti jew ċifri inattendibbli;

Illi għalhekk, filwaqt li l-Qorti m'hijiex sejra tilqa' l-eċċezzjoni tal-ħlas imqajma mill-imħarrek, sejra tqis li l-attur tassew huwa kreditur tal-imħarrek u b'hekk sejra tilqa' l-ewwel talba tiegħu;

Illi mill-kalkoli li l-Qorti rat fl-atti u qabblet mal-fatti, jirriżulta li sa dak inhar li l-imħarrek waqaf iħallas lill-attur – jiġifieri f'Jannar tal-1998 – kien għad fadallu jħallas lill-attur is-somma ta' tlitt elef sitt mija u disgħin euro (€ 3,690)[26]. Fuq dik is-somma kien għaddej mgħax sempliċi tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena li, sa dak inhar li nfetħet il-kawża, kien jammonta b'kollox għal ħames mija u ħmistax-il euro u tmintax-il ċenteżmi (€ 515.18)[27].

[24] P.A. **14.3.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit vs Montanaro Gauċi noe et*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.930)**
[25] P.A. **23.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Darmanin vs Muscat*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.776**) u App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Chetcuti et vs Pearson et noe*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.317** a fol. 322 – 3)
[26] Lm 1,548.12
[27] € 3,690 x 0.08 x 637/365 = € 515.18

B'kollox, jiġi li dak inhar li fetaħ il-kawża l-attur kien għadu kreditur tal-imħarrek fis-somma ta' erbat elef mitejn u ħames euro u tmintax-il ċenteżmi. Iżda ladarba l-attur, fl-Att taċ-Ċitazzjoni tiegħu, talab somma speċifika li hija anqas minn dak l-ammont, il-Qorti trid toqgħod għal dak li talab l-attur. Għalhekk, joħroġ li l-ammont mitlub mill-attur ta' erbat elef u tlieta u ħamsin euro u ħdax-il ċenteżmi (€ 4,053.11) huwa mistħoqq u l-Qorti sejra tilqa' t-talba tiegħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni** mqajma mill-imħarrek u ssib li l-azzjoni tal-attur m'hijiex milquta mill-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili;

**Tilqa' l-ewwel talba** attriċi u ssib li l-attur huwa kreditur tal-imħarrek fis-somma ta' erbat elef u tlieta u ħamsin euro u ħdax-il ċenteżmi (€ 4,053.11) bħala bilanċ tal-prezz b'rabta mal-bejgħ lilu ta' karozza tal-għamla *Morris Oxford* reġistrata A-5449;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha** l-oħrajn tal-imħarrek għaliex m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek biex iħallas lill-attur is-somma ta' erbat elef u tlieta u ħamsin euro u ħdax-il ċenteżmi (€ 4,053.11), flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mid-29 ta' Settembru, 1999, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tordna** li l-imħarrek iħallas ukoll l-**ispejjeż tal-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------